MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Numru. 44/2006

**Pulizija**
**Sp Jesmond J Borg**
**vs**
**John Brigulio**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Briguglio ta' 43 sena iben William u Margaret nee Zammit mwieled Wales nhar is-17 ta' Novembru 1962 u residenti 84A JohnTess Triq Siggiewi Zebbug, ID445081(M).**

**Akkuzat talli fil-5 ta' Novembru 2001 u jew matul is-snin u xhur precedenti bhala propretarju u jew amministratur tal-fond 84A John Tess Triq is-Siggiewi Zebbug, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnewk, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku u cioe tal-**

**meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarriea sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita mehuda jew kkunsmata kkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal LM349.64, liema serq huea aggravat bil-mezz u hin u dan ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta.**

**Akkuzat ukoll talli matul l-istess perjodu kkaguna hsara volontarja fl-istess meter.**

**Il-Qorti rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-22 ta' Dicembru 2005, il-fedina penali ta' l-imputat, ir-risposta ta' l-imputat li huwa hati li rregistra llum 5 ta' April 2006, li ma kellu ebda oggezzjoni li dawn il-proceduri jkunu sommarji u li wara nghata hin xieraq biex jahsibha, huwa rega kkonferma li huwa hati. Ghaldaqstant galadarba kien hemm din l-ammissjoni, iz-zewg imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 260, 261, 264 u 325 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkunsidra l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, l-ammont involut li fil-verita huwa inqas minn dak indikat fic-citazzjoni u li l-imputat hallas kollox. Apparti dan, il-fedina penali ta' l-imputat kienet prattikament nadifa.**

**Ghal daqstant il-Qorti flok ma tikkundanna lill-imputat, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------